MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 266/2012/1

**Luthansa Tecknik Malta Limited C30022**

**Vs**

**Rosalie Muscat**

Il-Qorti,

Fid-29 ta' Mejju 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) dovuti wara li gie ffirmat bond agreement bejn il-partijiet fejn l-intimata nghatat tahrig ghas-spejjez tar-rikorrent u ntrabtet li tibqa' fl-impjieg mar-rikorrent ghal hames snin wara l-probation izda l-intimata naqset milli taghmel dan u ghalhekk, ai termini tal-ftehim, gie dovut l-ammont fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuta Rosalie Muscat ipprezentata nhar is-16 ta' Ottubru 2012 fejn eccepiet:*

***'Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes peress illi l-esponenti ma rrizenjatx mill-impieg kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.'***

*Rat l-affidavit ta'* ***Claude Frendo*** *ipprezentat nhar il-31 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu iddikjara illi hu ghandhu l-karika ta' Chief Officer Human Rescources mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited.*

*Ikkonferma li l-kumpanija kellha bzonn painters specjalizzati sabiex jizbghu l-ajruplani, u zied li din hija sistema specjalizzata li ghalhekk kella bzonn tahrig barra minn Malta. Tenna li l-kumpanija flimkien mal-*

*Employment and Training Corporation identifikaw numru ta' nies biex jigu impjegati mal-Lufthansa Technik Malta Limited u mharrga f'din il-linja specjalizzata.*

*Iddikjara li fl-10 ta' Marzu 2008 Rosalie Muscat, u cioe', wahda mill-persuni identifikati mal-ETC, kienet dahlet f'bond agreement (Dok. CF1) mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited fejn hija kienet ser tinghata dan it-tahrig. Tenna li t-tahrig kien jinvolvi on-the-job training f'Hamburg il-Germanja.*

*Stqarr li peress illi t-tahrig kien jinvolvi spejjez konsiderevoli, kull min kien ser jinghata dan it-tahrig kien marbut a bazi tal-ftehim, li jibqa' jahdem mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited ghal zmien ta' hames snin wara li jispicca l-probation u fin-nuqqas ta' dan huwa kien ikollu jhallas is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) lill-kumpanija Lufthansa.*

*Iddikjara li l-persuni kollha li intaghzlu mill-kumpanija u li dahlu ghat-tahrig telqu lejn il-Germanja fis-7 ta' April 2008 u ikkompletaw il-kors in kwistjoni u gew lura fit-29 ta' Awissu 2008.*

*Stqarr illi meta giet lura Malta Rosalie Muscat kellha tibda tahdem fil-premises tal-Lufthansa, filwaqt li l-pass illi tinhareg mill-Office of the Manager Airport Security (OMAS) kienet baqghet ma inhargitx. Peress illi sabiex wiehed imur fil-premises tal-Lufthansa Technik Malta Limited (li huwa airside) ghandu bzonn il-pass, hija ma setghetx tattendi x-xoghol u kien ghalhekk li huma zammewha bl-unpaid leave sakemm l-OMAS jiddeciedu dwar il-hrug tal-pass in kwistjoni.*

*Sussegwentement, huma saru jafu illi kien hemm ragunijiet ghalfejn l-OMAS ma riedux johorgu pass ghal Rosalie Muscat u li ma kienetx se tinhareg. Ghalhekk hija ma setghetx tattendi ghax-xoghol.*

*Ikkonferma li Rosalie Muscat kienet iffirmat kuntratt ta' impjieg mal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Limited li fih, klawsola 2.2 kienet tistipula:*

***"The employee acknowledges and aggrees that the loss, whether temporary or permanent, by the employee of his/her statutory access pass issued under the relevant provisions of the Airport and Civil Aviation Security Act shall constitute a good and sufficient cause for termination of the employee's employment by the company"***

*Ikkonkluda li ghalhekk ma kellux alternattiva ghajr illi jipprocedi ghall-hlas tal-bond agreements li a bazi taghhom Rosalie Muscat u persuni ohrajn kellhom ihallsu s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) kull wiehed tali tterminaw l-impjieg taghhom qabel iz-zmien stipulat fl-istess bond agreement.*

**Mario Bugeja** *xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' manager Airport Security fil-Ministeru tal-Intern. Huwa spjega li f'April tas-sena elfejn u tmienja kienu rcevew talba sabiex johorgu aplikazzjoni sabiex jinhareg pass f'isem Rosalie Muscat, bil-karta tal-identita' numru 346578(M). Sussegwentament huma baghtu l-applikazzjoni lill-pulizija sabiex isiru xi background checks. Naturalment dawn isiru minhabba kwistjonijiet ta' sigurta'.*

*Ix-xhud stqarr illi huma kienu baghtu din il-lista fl-10 ta' April 2008 peress li apparti r-rikjesta ghal Rosalie kien hemm rikjesta ghal impjegati ohrajn u fit-28 ta' April kienu rcevew risposta minghand il-pulizija li kien hemm xi oggezzjoni minn naha tal-pulizija sabiex jinghata dan il-pass lil Rosalie Muscat. Meta jkun hemm xi oggezzjoni, il-kaz jitressaq quddiem ic-Civil Aviation Security Committee. Ic-chairman ta' dan il-kumitat huwa l-*

*Ministru, id-deputy Chairman huwa s-segretarju permanenti u l-membri huma l-Kummissarju tal-Pulizija, il-Brigadier, Head tal-MSS, il-kontrollur tad-dwana, Head Internal Control tal-Air Malta, Head Security MIA, d-Direttur Generali Civil Aviation u x-xhud stess jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumitat. Il-kumitat iltaqa' fl-20 ta' Gunju 2008 u ittiehdet decizjoni li dan il-pass m'ghandux jinhareg f'isem il-konvenuta. Fil-fatt huwa l-kumitat li jiehu it-tali decizjoni. Fl-24 ta' Gunju, ix-xhud baghat ittra lic-CEO tal-Lufthansa Technik, fejn gharrafhom bid-decizjoni taghhom u tal-kumitat.*

*Ix-xhud spjega li fl-10 ta' Lulju 2008 huma kienu rcevew ittra minghand il-Human Resources tas-socjeta' attrici. Fil-fatt kien ircieva email fejn gew infurmati li Rosalie Muscat ma kinitx impjegata tal-Lufthansa Technik izda kienet qieghda Hamburg u talbithom sabiex jergghu jirrevedu l-kaz. L-email li huma rcevew mis-socjeta' attrici giet mibghuta minn Antoinette Caruana li kienet tahdem mal-Human Resources tas-socjeta' attrici.  Ix-xhud kien wegibha li huwa kien lest li jerga' jressaq it-talba taghha quddiem il-kumitat, u fit-3 ta' Ottubru tal-istess sena rega' ltaqa' l-kumitat. Ix-xhud rega' ressaq din it-talba ghal revizjoni u l-kumitat talab lill-Kummissarju sabiex jittella' rapport aktar dettaljat. Fis-6 ta' Ottubru rega' informa lill-HR tas-socjeta' attrici li d-decizjoni kienet ghadha ma ittehdietx. Dakinhar stess kellu acknowledgement minghand il-Human Resoures tas-socjeta' attrici.*

*Il-kumitat rega' iltaqa' fid-19 ta' Ottubru 2008. Dakinhar il-Kummissarju ma kienx prezenti u ghalhekk id-decizjoni ma ittiehditx. Sussegwentament il-kumitat rega' iltaqa' fl-20 ta' Frar 2009 u l-Kummissarju pprezenta l-oggezzjoni tieghu fuq it-tali talba. Id-decizjoni tal-Kumitat kienet tali li ma tinbidilx minn dik id-decizjoni diga' mehuda. Ghalhekk ix-xhud informa lic-CEO tal-Lufthansa Technik fit-23 ta' Frar 2009 li Rosalie Muscat ma kinitx ser tinghata pass. Huwa stqarr li minn meta rcevew l-aplikazzjoni sa meta infurmawhom bid-decizjoni tahhom kienu ghaddew tmien gimghat. Huwa ma jafx li l-konvenuta qatt kellha xi pass biex tidhol fil-precincts tal-airport.*

***WPC 107 Sharon Bonnici*** *xehdet fis-6 ta' Mejju 2013 fejn iddikjarat illi hija kienet qed tixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hija spjegat illi bhala procedura tal-Qorti meta jigu mitluba sabiex jesebixxu kopja tal-kondotta, dan mhux possibbli ghax din tohrog biss ghal fini ta' xoghol. Ghall-Qorti huma obbligati li jipprezentaw kopja tal-fedina penali. Ix-xhud esebiet kopja tal-istess li giet immarkata bhala Dok. Z.*

***Melvin Cachia*** *xehed fis-6 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa qed jixhed ghan-nom u in raprezentanza tal-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol. Huwa jokkupa l-kariga ta' segretarju. Huwa qal li Rosalie Muscat kellha appell man-National Employment Commission. Effettivament Rosalie Muscat kienet inghatat decizjoni mil-Lufthansa Technik li effettivament kienet irrizenjat mix-xoghol. Rosalie Muscat kienet appellat minn din id-decizjoni peress li fil-fehma taghha ma kinitx irrizenjat izda kienet tkecciet. Saru l-proceduri normali tal-appell u Rosalie Muscat dehret quddiem il-Kummissjoni, semghu wkoll ix-xhieda tal-Lufthansa Technik. Effettivament irrizulta li veru hija kienet tkecciet. Ghalhekk it-talba taghha kienet giet milqugha.*

*Ix-xhud esebixxa d-dokumenti relatati ghal din id-decizjoni li l-Qorti mmarkat bhala dokument X. F'dan id-dokument hemm is-sekwenza kollha ta' dan l-appell. Huwa spjega li fil-perjodu meta nghatat din id-decizjoni huwa ma kienx ghadu mpjegat ma' National Employment Authority. Pero' ghalihom il-kaz kien wiehed straight forward u dan ghax fl-ewwel udjenza r-rapprezentant tal-Lufthansa Technik ma kienx tela', kien instab hati u wehel multa, pero' ghat-tieni darba kien deher. Ic-chairperson ta' dak iz-zmien irrevokatlu d-digriet taghha li jehel il-multa, dan nonostante l-appellanti kellha ragun. Ix-xhud iddikjara li huwa jaf dan biss bhala fatti.*

***Rosalie Muscat*** *xehdet fis-6 ta' Mejju 2013 fejn iddikjarat li hija kienet qed tfittex ix-xoghol u applikat mal-ETC fejn dawn kienu qalulha li Lufthansa Technik riedu n-nies. Ghalhekk hija applikat ghal xoghol mal-*

*Lufthansa Technik. Hija stqarret illi meta applikat qishom hatfuha. Il-konvenuta kienet staqsiethom jekk ix-xoghol li hija giet mitluba taghmel kienx ideali ghal mara u kienu qalulha li ma kienx hemm differenza. Hija qalet li kienet ser tahdem bhala sprayer fuq l-ajruplani. Din kienet sfida ghaliha izda accettat li taghmilha. Talbuha kopja tal-kondotta u biex taghmel test mediku u filfatt ghamlitu. Fi zmien xahar baghtuha kors il-Germanja ta' hames xhur biex jitghallmu kif jaghmlu l-ispray. Il-kors kien isir fl-ajruport ta' Hamburg u naturalment kellha l-pass ta' Hamburg, tidhol u tohrog x'hin trid. Hija fl-ebda hin ma waqfuha li tohrog mill-ajruport ta' Hamburg, kellha pass normali bhall-ohrajn. Minghajr il-pass naturalment ma jkollokx access. Wara li l-konvenuta ghamlet hames xhur Hamburg, hija giet lura Malta biex tibda tahdem.*

*Hija taf li sejhulha tal-HR, certu Antoinette Caruana u qaltilha "Nahseb taf ghalfejn gibtek hawn?". Hija ma kellhiex idea u din qaltilha "minhabba l-pass". Qaltilha li l-MIA ma xtaqux johorgulha pass peress li kellha kaz il-Qorti. Il-konvenuta wegbitha li l-kaz kien ghadu ma nqatax, kien ghadu sub judice. Hija stqarret li hames snin qabel kienet inqabdet b'pussess ta' droga kannabis u nghatat conditional discharge. Dan kien fit-3 ta' Lulju, 2009. Antoinette qaltilha li ma kinitx ser tkecciha pero' talbet li tissospendi ruhha. Qaltilha wkoll li kellha records tajbin ix-xoghol u ma kellhiex ghalfejn tkecciha, u damet xi tliet xhur tistenna l-pass. Nel frattemp il-kawza nqatghet, pero' minkejja dan qabel ma nqaghtet il-kawza kienet irceviet komunikazzjoni mill-Lufthansa Technik li hija kienet irrizenjat mix-xoghol, meta ma kienx minnu.*

*Il-konvenuta rat ittra esebita fl-atti a fol 32, l-ittra li hija rceviet mil-Lufthansa Technik. Hija esebiet kopja tal-kondotta taghha li l-Qorti mmarkat bhala Dok. Y li giet rilaxxata fid-29 ta' Novembru 2012. Hija giet murija dokument immarkat bhala Dok. CF1 a fol 15 tal-process u qalet li dan huwa l-bond agreement li hija ffirmat mal-Lufthansa u fuq dan id-dokument hemm il-firma taghha. Giet murija dokument iehor a fol 23 tal-process li huwa kuntratt ta' mpjieg u qalet li dan huwa minnu li dan huwa ffirmat minnha.*

*Hija spjegat li l-impjieg li kien ser ikollha mal-Lufthansa ma kienx fuq ir-runway, kien biss fuq il-hanger u biex tidhol fil-hanger ghandek bzonn il-pass. Skont ma' qalulha l-Lufthansa, il-pass kien johrog mill-MIA. Hija pero' fil-hanger kienet marret u kienet thalli l-Karta tal-Identita' taghha mas-security fuq barra u fil-fatt dahlet darba fl-ewwel gurnata tax-xoghol. Naturalment hija ma regghetx marret ghax-xoghol ghax kienet kellmitha Antoinette Caruana.*

*Ikkunsidrat:*

*Bhala fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe' li is-socjeta attrici kienet impjegat lill-konvenuta u dana fil-kapacita' taghha ta' spray painter u dana permezz ta' kuntratt ta' impieg datat 11 ta' Marzu 2008 esebit fl-atti a fol. 23 markat bhala Dok CZ. M'hemmx dubbju li f'dan il-kuntratt hemm diversi obbligi u kundizzjonijiet li l-partijiet ftehmu dwarhom. Flimkien ma' dan il-kuntratt jirrizulta u mhux kontestat li l-konvenuta iffirmat Bond Agreement u dan nhar l-1 ta' Marzu 2008 fejn hija intrabtet li thallas is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) lis-socjeta' attrici f'kaz li "she fails to fulfil the terms of the bond agreement mentioned above" u cioe li* ***"she fails to remain in employment with the company for at least five (5) years from the date of end of probation". Jirrizulta minn qari ta' dan l-Bond agreement li "The bond will be effective for a five year period and in the event that the employee terminates his/her employment with the company prior to the expiry of this period the employee will be liable to pay the company the total agreed bond amount"*** *u cioe' is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) l-ammont mitlub fir-rikors promotur.*

*Bhala fatt jirrizulta u dan anke mix-xhieda ta' Claude Frendo li l-konvenuta kienet intghazlet sabiex tigi impjegata mas-socjeta' attrici bhala spray painter u fil-fatt l-istess socjeta' attrici kienet baghtet lill-konvenuta flimkien ma xi impjegati ohra lejn il-Germanja nhar is-7 ta' April 2008 u baqghet hemm sakemm kompliet il-kors taghha u cioe' sad-29 ta' Awwissu 2008. Dana spjega li meta giet lura minn barra, il-*

*konvenuta kellha tibda tahdem fil-premises tas-socjeta' attrici pero' il-pass li jinhareg mill-ufficcju tal-Manager tal Airport Security kien ghadu ma harigx u ghalhekk ma setghetx tattendi ghax-xoghol u ghalhekk zammewha fuq unpaid leave sakemm kellhom decizjoni dwar il-hrug o meno ta' dan il-pass. Illi in segwitu irrizulta li dan il-pass ma kienx se jinhareg u ghalhekk il-konventua ma setghetx tidhol ghax-xoghol.*

*L-istess Claude Frendo jghid li huwa qed jibbaza it-talba tieghu fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici a bazi tal-klawsola numru 2.2 li tghid di-segwenti:*

***"The employee acknowledges and aggrees that the loss, whether temporary or permanent, by the employee of his/her statutory access pass issued under the relevant provisions of the Airport and Civil Aviation Security Act shall constitute a good and sufficient cause for termination of the employee's employment by the company".***

*Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina l-provi prodotti u tistabbilixxi jekk kinitx il-konventua li waqfet mix-xoghol taghha u b'hekk ikollha taghmel tajjeb ghal dak li obbligat ruhha li taghmel fil-Bond Agreement jew jekk addirittura kinitx is-socjeta' attrici li kienet responsabbli ghad-dismissal tal-konvenuta.*

*Jinghad bla tlaqliq li l-kuntratt ta' impieg u l-Bond agreement kienu zewg kuntatti li jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejn l-kontendenti u li permezz taghhom il-kontendenti kienu marbuta. Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata.*

*Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk: **"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.** (ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. - 25 ta' Gunju 1996).*

*Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet '**F. Advertising Limited (C27689) vs.Francis u Antonia konjugi Grixti'** **"Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-artikolu 992 (1), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti."***

*Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited',** deciza mill-Qorti Prim'Awla 30 ta' Ottubru 2003 li:*

***"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta bejneithom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li iehed mill-kontraenti idahhal f'dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qieghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali" (Appell 31.5.1943 'Farrugia vs Piscopo')***

*Il-principju **contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur** jibqa' isehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita' ghandhom ikunu*

*supremi (Appell 15.12.1947* ***Mercieca vs Pace*** *Vol XX111 .1. pagna 603).*

*Illi ghalhekk ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti hija dik regolata bil-kuntratt esebit fl-atti a fol. 23 et seq. Minn qari ta' dan il-kuntratt ma jirrizulta l-ebda obbligu fuq il-konvenuta sabiex tottjeni il-pass, jew a dirittura li l-kuntratt huwa soggett ghal hrug tal-pass. Naturalment kienet is-socjeta' attrici li kienet responsabbli sabiex tottjeni dan il-pass u mhux il-konvenuta. Il-kutnratt ma kienx soggett ghal hrug ta' dan il-pass u fil-fatt is-socjeta' attrici tant kienet kuntenta bl-ingagg tal-konventua li ftit wara l-ingagg taghha qabdet u baghtitha barra minn Malta ghal training kif del resto setghet taghmel skond il-klawsola numru 7 intitolata* ***Staff Development*** *fil-kuntratt.*

*Jidher bhala fatt li l-konvenuta ma nghatatx pass kif jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Bugeja li xehed nhar is-16 ta' Jannar 2013 u spjega illi huwa kien gharraf lis-CEO tas-socjeta' attrici nhar l-24 ta' Gunju 2008 li ma kinux ser johorgu l-pass ghall-konvenuta. Dan Bugeja jghid li kien ircieva e-mail minghand is-socjeta' attrici datata 10 ta' Lulju 2008 fejn gie nfurmat li l-konvenuta ma kinitx impjegata tas-socjeta' attrici izda li kienet qieghda Hamburg u gew mitluba sabiex jirrevedu l-kaz. Jghid li l-kaz rega' gie rivedut pero' peress li kien hemm oggezzjoni minn naha tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-hrug ta' tali pass, il-pass ma nharigx u b'hekk is-CEO tas-socjeta' attrici rega' gie infurmat bid-decizjoni finali nhar l-20 ta' Frar 2009.*

*Illi kieku riedet is-socjeta' attrici setghet tobbliga l-konventua fil-kuntratt li kollox ikun suggett ghall-hrug ta' tali pass u in oltre s-socjeta' attrici messha hadhet hsieb li tara li l-pass johrog qabel ma baghtet lill-konvenuta barra minn Malta u dan ghaliex kienet ir-responsabbilta' taghha li tipprovdi tali pass u mhux ir-responsabbilta' tal-konvenuta. Ma jidher minn imkien li l-konvenuta kienet zlejali jew uriet xi nuqqas volontarju lejn is-socjeta' attrici.*

*Minkejja dan kollu pero' is-socjeta' attrici baghtet tinforma lill-konvenuta permezz ta' ittra esebita fl-atti datata 6 ta' April 2009 esebita a fol. 44 u mmarkata bhala Dok X fejn infurmawha li peress li l-pass ma kienx ser johrog kienu ser jitterminawlha l-impieg taghha. Minkejja din l-ittra pero' jinghad li s-socjeta' attrici ghogobha tibghat il-formola tal-ETC ghat-termination tal-impieg taghha fejn is-socjeta' stqarret li l-konventua kienet irrizenjat mix-xoghol (vide fol. 50). Il-konvenuta naturalment appellat minn din id-decizjoni lill-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol fejn kkonfermat li hija qatt ma rrizenjat izda stqarret li l-impieg taghha kien gie terminat mis-socjeta' attrici. Jirrizulta mill-ittra esebita a fol. 53 mibghuta lill-konvenuta mill-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol li l-kaz taghha kien gie milqugh u ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta kellha l-impieg taghha terminat mis-socjeta' attrici stess.*

*Illi ghalhekk jirrizulta li l-konventua ma ghazlitx li titlaq hi mill-impieg taghha, jew li kellha xi mala fede sabiex ma tonorax il-kundizzjonijiet tal-kuntratt li hija intrabtet maghhom. Anzi jirrizulta li l-konvenuta kienet genwina fis-sens li anke kienet infurmat lil Antoinette Caruana bil-kawza li hija kellha pendenti il-Qorti dwar pussess semplici tal-pjanta Canabis izda dan nonostante s-socjeta' attrici xorta dehrilha li kellha timpjega lill-konvenuta. Illi minkejja li l-kovenuta instabet hatja tal-akkuza hija nghatat conditional discharge minnflok piena u hu appuntu ghalhekk li hija ghandha kondotta nadifa kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. 62. Ir-raguni ghaliex l-konvenuta ma nhargilhiex il-pass ma tirrizultax mill-atti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li b'xi mod il-konvenuta kellha xi tort ghal dan in-nuqqas jew ahjar attribwiet ghal dan l-istat ta' fatt.*

*Illi ghalhekk mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuta kisret xi kundizzjoni tal-kuntratt taghha tal-impieg, izda kienet is-socjeta' attrici li itterminat l-impieg taghha u b'mod zlejali ipprovat sahansitra anke ittellfilha l-possibilta' ta' registrazzjoni mal-ETC meta infurmathom skorrettament li l-konvenuta kienet irrizenjat meta fil-fatt kellha l-impieg taghha terminat mill-istess socjeta' attrici zmien wara li s-socjeta' attrici saret taf li ma kienx ser jinhargilha l-pass.*

*Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ssib li t-talba tas-socjeta' attrici mhix gustifikata u ghalhekk tiddikjara li l-konvenuta mhux veru telqet mill-impieg taghha qabel iz-zmien miftiehem u ghalhekk il-Bond Agreement iffirmat minnha m'ghandux jigi fis-sehh u konsegwentement, is-somma hemm indikata mhix dovuta. It-talba attrici qed tigi michuda u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta qed jigu milqugha.*

*L-ispejjez kollha huma a karigu tal-istess socjeta' attrici".*

Illi l-appellanti s-socjeta Lufthansa Tecknik Malta Limited appellat mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

a. L-Ewwel Qorti attribwiet obbligi fuq is-socjeta attrici appellanti meta dawn kienu obbligi tal-konvenuta. Dan l-obbligu jirreferi ghall-otteniment tal-*access pass* ghall-*airfield* li jinhareg mill-OMAS (*Office of the Manager Airport Security*), liema *pass* huwa essenzjali sabiex il-konvenuta setghet tibda l-impieg taghha mas-socjeta attrici bhala *spray painter* tal-ajruplani. Kwindi l-Ewwel Qorti wasslet ghal decizjoni hazina fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ftehim ta' impjieg milhuq bejn il-kontendenti.

b. L-Ewwel Qorti poggiet hafna piz fuq il-kwistjoni dwar jekk l-konvenuta kenitx irrizenjat jew jekk l-impieg taghha giex terminat mis-socjeta appellanti.

c. L-Ewwel Qorti interpretat parti wahda mill-kuntratt b'mod strett hafna minflok ma interpretatu fil-kuntest tal-kuntratt komplut.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dina il-vertenza iddur fuq zewg kweziti u cioe' l-ewwel fuq min kien jinkombi l-obbligu illi jottjeni is-*security access pass* ghall-*airfield* fl-ajruport internazzjonali ta Malta u cioe' jekk hux fuq is-socjeta appellanti jew fuq l-impjegata, u konsegwentement l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-kuntratt ta'l-impieg abbinat mal-*bond agreement* iffirmat bejn il-kontendenti fl-eventwalita' illi dan is-*security pass* ma jigix moghti lill-impjegata mill-awtoritajiet tas-sigurta gewwa l-ajruport.

Illi huwa fatt inkontestat illi l-konvenuta appellata ma setatx tezegwixxi l-obbligi minnha assunti fuq il-kuntratt ta'l-impieg iffirmat mas-socjeta appellanti minhabba l-fatt illi l-Awtoritajiet tas-Sigurta ta'l-Ajruport cahhdu il-hrug tas-*security access pass* essenzjali sabiex l-konvenuta tkun tista' taghmel ix-xoghol taghha bhala *spray painter* fuq l-ajruplani. Mill-atti jirrizulta illi l-applikazzjoni ghal hrug ta' dana l-*pass* saret mis-socjeta appellanti, liema *pass* kien ghadu qed jigi ipprocessat meta l-istess konvenuta kienet diga iffirmat kemm il-kuntratt ta'l-impieg taghha kif ukoll il-*bond agreement*. Di piu' jidher illi l-appellata kienet diga giet mibghuta barra minn Malta sabiex tibda it-tahrig taghha meta l-process ta'l-applikazzjoni kienet ghadha pendenti. L-konvenuta appellata f'xi zmien matul dana il-perijodu kienet infurmat lill-*employer* taghha illi hija kienet giet misjuba hatja mill-qrati fuq pussess ta' droga u kwindi kien ghalhekk li kien hemm diffikulta ghal *hrug tal-pass*. Il-*hrug tal-pass* izda gie

irrifjutat minhabba f'dina ir-raguni u dan ghal darbtejn wara li s-socjeta appellanti regghet tallbet rikonsiderazzjoni tal-kaz. Illi huwa fatt stabbilit illi wara tali decizjoni is-socjeta appellanti kellha tittermina l-impieg tal-konvenuta li giet fl-impossibilita li taqdi id-dmirijiet taghha. Fil-fatt b'ittra datata 06 ta' April 2009 il-kumpanija infurmat lill-konvenuta li ma kellhiex triq ohra hlief li titterminalha l-impieg taghha u dana b'effett mill-istess data.[1]

Illi s-socjeta appellanti tressaq bhala aggravvju l-fatt illi kienet responsabbilta tal-konvenuta appellata illi tikseb is-*security access pass* u mhux tal-istess socjeta appellanti billi anke l-applikazzjoni issir f'isimha. Jilmentaw illi l-Ewwel Qorti tefghet l-obbligu li jinkiseb dana il-pass fuq is-socjeta appellanti meta dan mhuwiex il-kaz billi dan kien obbligu unikament tal-konvenuta. Kwindi il-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti illi hija messha ivverifikat jekk l-konvenuta kenitx intitolata ghal hrug tal-*pass* qabel ma gie iffirmat il-ftehim, hija konsiderazzjoni zbaljata.

Illi mill-provi li hemm fl-atti jirrizulta illi kienet is-socjeta appellanti li hadet hsieb li issir l-applikazzjoni relattiva ghal hrug ta' dana l-*pass.* Mhux biss, izda meta l-hrug tal-*pass* gie michud kienet l-istess socjeta li giet infumata minn naha tal-OMAS dwar dina id-decizjoni u ma jidhirx illi fl-ebda mument giet infurmata b'dan direttament il-konvenuta. Ukoll jidher illi kienet l-istess socjeta li regghet tallbet rikonsiderazzjoni tal-kaz meta giet infurmata dwar dan ir-rifjut.[2] Dana ighidu Mario Bugeja u cioe' il-Manager tal-Airport Security fix-

---

[1] Jinghad testwalment fl-ittra: " In view of this decision (b'referenza ghad-decizjoni tal-OMAS), we are let no other option but to end your employment. Your termination date with Lufthansa Tecknik Malta will be today the 6th April 2009."

[2] Ara Dokument CF2 a fol.16 tal-process

xhieda tieghu fejn ighid illi kienet saret rikjesta mis-socjeta appellanti ghal hrug ta’ *pass* mhux biss f’isem Muscat izda f’isem impjegati ohra ta’l-istess socjeta. Ikompli jixhed illi b’dan ir-rifjut huwa kien informa lis-CEO tal-Lufthansa Tecknik u ma jidhirx illi f’xi hin kien hemm xi komunikazzjoni direttament mal-konvenuta. Rigward it-talba ghar-revizjoni ighid hekk:

***Nghid li fl-10 ta’ Lulju 2008 konna ircevejna ittra minghand il-human resources tas-socjeta attrici. Fil-fatt din kienet e-mail li rcevejt fejn gejna infurmati li Rosalie Muscat ma kenitx impjegata tal-Lufthansa Tecknik izda kienet qieghda Hamburg u talbitna sabiex nergghu nirrevedu l-kaz.***

Meta imbaghad ittiehdet it-tieni decizjoni ta’ rifjut mic-Civil Aviation Security Committee regghet kienet l-istess socjeta li irceviet id-decizjoni. Wara dan l-kumpanija infurmat lill-appellanti li l-impieg taghha kien gie terminat minhabba f’tali decizjoni.

Minn dan johrog ghalhekk li kienet korretta l-Ewwel Qorti meta stqarret illi kienet is-socjeta appellanti li kella l-inkarigu sabiex tiehu hsieb il-hrug tas-*security pass*. Ghall-inqas is-socjeta appellanti ma tressaq l-ebda prova sabiex turi illi dina l-applikazzjoni kellha taghmilha il-konvenuta. Kif inghad, il-Manager tas-sigurta’ fl-ajruport jixhed mod iehor. Illi l-Qorti ghalhekk tqies illi l-konsiderazzjonijiet ta’l-Ewwl Qorti dwar in-nuqqas milli isiru il-verifiki dwar il-possibilta’ ta’ hrug ta’ dan il-*pass* minn naha tas-socjeta appellanti qabel ma tibghat lill-konvenuta barra minn Malta sabiex tikseb it-tahrig, hija wahda

gusta u ragunata u ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha tvarja dawn il-motivazzjonijiet.

Illi sorvolat ghalhekk dan l-ewwel aggravvju, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta'l-impieg u fil-*bond agreement*. Illi l-Qorti tifhem illi s-socjeta appellanti li kienet ser tinkorri fi spejjez kbar ghat-tahrig tal-konvenuta kellha kull interess li torbotha ghal zmien sabiex tibqa' fl-impieg taghha. Sabiex taghmel dan hija rabtet lill-konvenuta illi tirrifondi tali spejjez f' ammont li gie ikkalkolat ta' €10000 jekk hija tittermina l-impieg taghha minn jeddha qabel l-eghluq taz-zmien miftiehem.[3] L-iskop tal-ftehim huwa spjegat fis-segwenti termini:

***"It is agreed between the company Lufthansa Tecknik Malta and the above-mentioned employee that in consideration of the company's investment in the training of the said employee leading to the acquisition of skills in spray painting on aircraft ….. the employee guarantees that he/she shall remain in employment with the company for at least five years from the date of end of probation."*** **(sottolinjar tal-Qorti).**

Dan huwa rifless kelma b'kelma fil-klawsola numru 8.3 tal-kuntratt ta'l-impieg iffirmat fil-11 ta' Marzu 2008.

Minn hawn jidher illi l-konvenuta kienet qieghda tiggarantixxi li tibqa fl-impieg ghal perijodu ta' hames snin wara li jigi terminat il-perijodu ta' probation u

[3] Ara bond agreement a fol.15 Dokument CF1

kwindi kienet qed tintrabat illi ma titlaqx mill-impieg taghha qabel it-terminu stabbilit ta' hames snin. Bhala garanzija ghal dana l-obbligu hija intrabtet li thallas is-somma ta' €10000, "***if the said employee <u>fails to fulfil</u> the terms of the bond agreement…***"

Illi s-socjeta appellanti tishaq illi dana il-ftehim irid jinqara fid-dawl ta' dak dispost fil-kuntratt ta'l-impieg fejn jinghad:

***"The employee acknowledges and agrees that the loss, whether temporary or permanent, by the employee of his/her statutory pass issued under the relevant provisions of the Airport and Civil Aviation Security Act shall constitute a good and sufficient cause for the termination of the employee's employment by the company."***

Skond l-istess socjeta appellanti dan ma jistax ifisser hlief illi l-impieg tal-konvenuta kien marbut mal-hrug u iz-zamma tas-*security pass* u fin-nuqqas l-istess socjeta intitolata tittermina l-impieg. Ghalhekk tilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-premessa illi kienet is-socjeta appellanti li itterminat l-impieg tal-konvenuta u kwindi ma kellhiex jedd titlob ir-rifuzjoni ta'l-€10000 billi dan huwa marbut mas-sitwazzjoni fejn l-impjegata titlaq minn jeddha. Is-socjeta appellanti tishaq illi gialdarba l-konvenuta kienet fl-impossibilta li tonera l-garanzija li intrabet ghaliha li tahdem mas-socjeta u dana fil-ftehim iffirmat minnha, hija kellha tirrifondi l-flus kif miftiehem. Sahhqet illi dan johrog car minn qari tal-*bond agreement* abbinat ma' dak miftiehem fil-kuntratt ta'l-impieg fil-klawsoli hawn fuq iccitati.

**"Meta jinsorgu diffikoltajiet jew kuntrasti fuq l-intelligenza ta' xi kondizzjoni jew patt kontrattwali, u fuq l-effetti taghha, l-ligi tipprovdi kriterji direttivi bhala mezz ta' interpetazzjoni. Fost dawn il-kriterji nsibu annoverati l-indagini dwar l-intenzjoni komuni tal-kontraenti fiz-zmien tal-konkluzjoni tal-att, il-konsiderazzjonijiet tac-cirkostanzi li fihom il-partijiet ikkonvenew, u il-motiv li ragjonevolment iddeterminahom.**

**S'intendi l-kliem adoperati huma l-mezz li bihom tigi manifestata l-intenzjoni u allura bhala l-ewwel regola bazika dettata anke mill-Artikolu 1002, Kap.16, meta l-kliem ikunu cari ma jkunx hemm ghalfejn wiehed joqghod jinoltra ruhu biex jiskopri l-intenzjoni. S'intendi, wkoll, jinsorgu sitwazzjonijiet fejn wiehed ikun jehtieglu jaghmel approfondiment biex jirrikava dik l-intenzjoni li l-kontraenti verosimilment kellhom *in mente* meta qablu fuq xi klawsola partikolari. Dan jigri ghaliex "*le convenzioni non sono sempre redatte con piena precisione di termini*" u allura "*in casi di dubbi e d'ambiguita` quale sia stata la volonta` dei contraenti e` sempre necessario indagare, piuttosto che fermarsi al senso letterale della parola*" - "Nobile Paolo Bologna Strickland nomine –vs- Salvatore Pisani et", Prim'awla tal-Qorti Civili, 18 ta' Ottubru 1884.**

**Dan iwassal ghat-tieni regola fondamentali tal-ermenewtika guridika tramandata lilna mid-dritt Ruman, ahjar dettata fl-artikolu 1003 tal-Kodici Civili, jigifieri meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma'l-intenzjoni tal-partijiet kif tidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tiprevali l-intenzjoni**.

**….. Izda kif osservat fis-sentenza "Sciberras Trigona –vs- Aneico", Prim'Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture". Enuncjazzjoni din li sabet kunsens fis-sentenzi fl-ismijiet "Vincenzo Angelo**

**Bugeja –vs- Wisq. Rev. Dun Giuseppe Samut", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1952 u "John Zammit et –vs- Michael Zammit Tabone pro et noe", Appell, 28 ta' Frar 1997**

**….. Huwa minnu illi l-liberta` tal-gudizzju tal-gudikant mhiex vinkolata mill-kliem fl-ezami minnu kondott tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Izda jekk imbaghad ghalih id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx hlief ghal sens car u univoku hu dan is-sens li ghandu ifisser il-volonta expresa tal-kontraenti[4]."**

Illi din il-Qorti, f'dan il-kaz, fil-fatt, ma tara li hemm l-ebda diffikulta fl-interpretazzjoni tal-kuntratt u il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Minn qari tal-klawsola tal-kuntratt johrog illi l-impieg tal-konvenuta kien strettament marbut mal-pussess tas-*security pass* tant illi l-employer kellu dritt jittermina l-impieg fl-eventwalita' illi ghal xi raguni l-impjegat ma jibqax fil-pusess ta' dan il-*pass*. Madanakollu kif gustament rriteniet l-Ewwel Qorti il-kuntratt ma isemmi xejn dwar l-process ghall-otteniment ta' dana l-*pass*, u cioe' fuq min jinkombi ir-responsabbilta' ghal hrug ta'l-istess u xi drittijiet kellu l-*employer* fl-eventwalita' illi dana il-*pass* ma jinkisibx. Is-socjeta appellanti kwindi lanqas ma ghamlet dina l-prevenzjoni fid-dicitura tal-*bond agreement* u issa qieghda tippretendi illi l-konvenuta appellanti tonera obbligu li ma kenitx intrabet specifikatament ghalih billi tigi interpretata klawsola xort'ohra minn dak miftiehem u cioe' kundizzjoni rizoluttiva li tikkontempla sitwazzjoni fejn impjegata titlaq minn jeddha jew ghal xi tortijiet imputabbli lilha mill-impieg qabel it-terminu miftiehem. Illi hija il-fehma ta' din il-Qorti illi l-garanzija li inghatat mill-konvenuta kienet strettament marbuta ma' nuqqas volontarju da

---

[4] Andrew u martu Rose Pace vs Unscheduled Bus Service – App. Inf (PS) deciza 12 ta' Dicembru 2003.

parti taghha tant illi hija intrabet li tirrifondi l-€10000 jekk hija tonqos milli tonera il-ftehim u tibqa’ fl-impieg.

Ma hemmx dubbju illi kif inghad il-hrug tal-*airport security pass* ma kenitx tiddipendi mill-volonta espressa tal-konvenuta. Dana kien jiddependi min decizjoni ta’ terz estranju ghal ftehim milhuq mill-partijiet. Tant hu hekk li s-socjeta appellanti ippruvat taghmel sforz iehor sabiex tassigura l-impieg tal-konvenuta meta tallbet lill-manager tal-OMAS jerga’ iressaq il-kaz quddiem l-Civil Aviation Security Board. Il-konvenuta bl-ebda mod ma seta’ kellha xi influwenza fuq id-decizjoni ta’ dan it-terz u kwindi anke kieku stess kien jinkombi fuqha l-obbligu ghall-applikazzjoni ghall-hrug ta’ dana il-*pass* xortawahda jekk finalment ir-rikjesta kenitx tigi milqugha jew le ma kienx jiddependi minnha. Issa fil-kundizzjoni rizoluttiva milhuqa fil-kuntratt ta’l-impieg u fil-*bond agreement* li fuqhom is-socjeta appellanti qieghda tibbaza l-aggravvji taghha gie mitiehem illi it-terminazzjoni ta’l-impieg tal-konvenuta kienet marbuta ma’ nuqqas minn naha taghha illi tibqa’ fil-*pussess tas-security pass* **<u>u mhux</u>** fuq l-otteniment ta’l-istess. Kwindi dan ma kienx obbligu minnha assunt u allura gialdarba hija ma naqsitx minn dawn l-obbligi allura l-kundizzjoni miftiehma ma setatx tavvera ruhha u hija ma kenitx obbligata tirrifondi is-somma ta’ €10000. Li kieku tali obbligu kien inkluz fil-ftehim allura s-sitwazzjoni kienet tkun xort’ohra izda dana ma tnizzilx u kwindi ma jistax jinghad illi l-kundizzjoni rizoluttiva mifthiema avverat ruhha.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti hija tal-fehma illi id-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti hija wahda gusta u timmerita konferma.

Ghaldaqstant l-appell tas-socjeta appellanti qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------